## Mistoqsijiet Li Jsiru ta' Spiss

Dan is-sett ta' mistoqsijiet huwa intenzjonat li jikkumplimenta l-informazzjoni li tinsab fl-ittra mibgħuta lil persuni li minn Jannar tas-sena 2021, qed jitqiesu li huma liċenzjati biex iwettqu l-attivitajiet li ġejjin:

- Produzzjoni ta' metalli prezzjużi;
- Manifattura ta' ġojjellerija u oġġetti relatati;
- Bejgħ bl-ingrossa ta' arloġġi u ġojjelli;
- Bejgħ bl-ingrossa ta' deheb u metalli prezzjużi oħra;
- Bejgħ bl-ingrossa ta' ħaġar prezzjuż; u
- Bejgħ bl-imnut ta' arloġġi, ġojjelli, metalli prezzjużi u ħaġar prezzjuż.

## Frequently Asked questions

The below set of questions is intended to compliment the information contained in the letter sent to persons who from January, 2021 are being deemed to be licensed to perform the following activities:

- Precious metals production;
- Manufacture of jewellery and related articles;
- Wholesale of watches and jewellery;
- Wholesale of gold and other precious metals;
- Wholesale of precious stones; and
- Retail sale of watches, jewellery, precious metals and stones.

### Għandi bżonn napplika għall-liċenzja?

Jekk inti kont irreġistrat mad-Dipartiment tal-VAT sal-1 ta' Jannar, 2021 bħala operatur f'wieħed mis-setturi indikati hawn fuq, inti legalment u awtomatikament meqjus bħala liċenzjat u m'għandekx għalfejn tapplika għal liċenzja.

### Do I need to apply for a licence?

If you were registered with the VAT Department up to 1st January, 2021 as operating in one of the sectors indicated above, you are legally and automatically deemed as licensed and need not apply for a licence.

### Għandi bżonn inħallas għall-liċenzja?

Le. Il-liċenzja hija bla ħlas.

### Do I need to pay any fees for a licence?

No. There are no licence fees.

### Hemm bżonn li l-liċenzja tiġġedded?

Iva. Il-liċenzja trid tiġġedded kull tliet snin.

### Does the licence need to be renewed?

Yes. The licence needs to be renewed every three years.

### Għandi bżonn inħallas sabiex inġedded il-liċenzja?

Le. It-tiġdid tal-liċenzja huwa bla ħlas.

### Do I need to pay to renew licence?

No. There are no fees to renew your licence.

### Kif tista' tiġi kkanċellata l-licenzja?

Il-liċenzja tista' tiġi kkanċellata

a) fuq talba tad-detentur tal-liċenzja jew,
b) mis-Sezzjoni tal-Liċenzji tal-Kummerċ għal raġunijiet speċifiċi.

### How may the licence be cancelled?

The licence may be cancelled

a) at the request of the licensee or,
b) by the Trade Licensing Unit for specific reasons.

### Fuq liema bażi tista' liċenzja tiġi sospiża jew ikkanċellata mis-Sezzjoni tal-Liċenzji tal-Kummerċ?

Il-liċenzja tista' tiġi sospiża jew ikkanċellata mis-Sezzjoni tal-Liċenzji tal-Kummerċ għal kwalunkwe waħda jew aktar minn dawn ir-raġunijiet:

a) meta l-attività kummerċjali ma tibdiex topera skont il-liċenzja fi żmien tnax (12) -il xahar mill-ħruġ tagħha, jew tkun waqqfet in-negozju tagħha għal aktar minn sitt (6) xhur; jew

(b) meta l-attività kummerċjali ma tibqax tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' liċenzja inklużi l-kriterji ta' eliġibbiltà kif provdut fil-liġi; jew

(ċ) jekk fl-opinjoni tas-Sezzjoni tal-Liċenzji tal-Kummerċ, il-mod kif titwettaq l-attività kummerċjali tikser xi obbligi legali; jew

(d) fejn s-Sezzjoni tal-Liċenzji tal-Kummerċ tkun infurmata mill-*Financial Intelligence Analysis Unit* li persuna liċenzjata biex tinnegozja f'metalli prezzjuzi jew ħaġar prezzjuż tkun serjament, ripetutament jew sistematikament naqset milli tiissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Att kontra *Money Laundering* jew ir-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu; jew

(e) jekk xi direttur, soċju, segretarju ta' kumpanija, jew sid benefiċjarju ta' negozjant liċenzjat f'metalli prezzjużi u ħaġar prezzjuż instab ħati ta' irregolarità jew kondotta ħażina.

### On what basis may the Trade Licensing Unit cancel or suspend a licence?

The Trade Licensing Unit may cancel or suspend a licence for any one or more of the following reasons:

(a) when the commercial activity does not commence operations pursuant to the licence within twelve (12) months of its issue, or has ceased its operations for more than six (6) months; or

(b) when the commercial activity no longer fulfils the conditions for the granting of a licence including the eligibility criteria envisaged in the law, or

(c) if in the opinion of the Trade Licensing Unit, the manner in which the commercial activity is conducted is in breach of any legal obligation; or

(d) where the Trade Licensing Unit is informed by the Financial Intelligence Analysis Unit that a licensed dealer in precious metals or stones has seriously, repeatedly or systematically failed to satisfy its obligations under the Prevention of Money Laundering Act or the Prevention of Money Laundering and Funding of Terrorism Regulations; or

(e) if any director, partner, company secretary, or beneficial owner of a licensed dealer in precious metals and stones has been found guilty of irregularity or misconduct.

### Jekk in-negozju tiegħi huwa kumpanija għandi ninforma lis-Sezzjoni tal-Liċenzji tal-Kummerċ jekk ikun hemm bidliet relevanti fil-kompożizzjoni tagħha?

Iva. Fil-każ ta' sħubija kummerċjali, meta jkun hemm xi tibdil fil-kompożizzjoni tad-diretturi, tas-soċji jew sidien benefiċċjarji, għandek tinforma lis-Sezzjoni tal-Liċenzji tal-Kummerċ fi żmien tletin (30) jum ta' xogħol bil-bidla.

### If my business is a company should I inform the Trade Licensing Unit of any relevant changes in its composition?

Yes. In the case of a commercial partnership, when there is any change in the composition of directors, partners or beneficial owners, the dealer shall inform the Trade Licensing Unit within thirty (30) working days of such change